# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 354/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Bellotti (ID 189065M)**

**Vs**

**Harvin Vassallo**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta' April 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Peress illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti s-somma bilanċjali kumplessiva minn somma akbar, ta' sittax il-elf, u sebgħa mitt ewro (Euro 16,700) rappreżentanti somma mislufa 'brevi manu' lill-intimat u mislufa lilu sabiex iħallas dejn ieħor li huwa kellu ma' terzi.*

    2. *Illi r-rikorrent jiddikjara li jaf b' dawn il-fatti huwa personalment.*

    3. *Peress illi l-intimat ġie nterpellat għall-ħlas bilanċjali diversi drabi iżda baqa' inadempjenti;*

    4. *Peress illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x' jagħti għat-talbiet attriċi;*

    *Jgħid l-intimat għar-raġunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:-*

    1. *Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-Smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 - 171 tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

2. *Tiddikjara illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' sittax il-elf u sebgħa mitt ewro (Euro 16,700) flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2022 sal-pagament effettiv.*

3. *Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti l-ammont bilanċjali ta' sittax il-elf u sebgħa mitt ewro (Euro 16,700) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2022 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-17 ta’ April 2023 il-kawża ġiet appuntata għas-16 ta’ Mejju 2023.

3. Rat illi fis-16 ta’ Mejju 2023, il-Qorti awtorizzat illi ssir in-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni.

4. Rat illi fit-8 ta’ Awissu 2023, saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 9)

5. Rat illi fit-28 ta’ Awissu 2023 saret l-affissjoni fl-indirizz 38, Flat 1, Sqaq it-Torri, Bormla u l-Kunsill Lokali ta’ Bormla u fl-Għassa ta’ Bormla (fol 11).

6. Rat illi saret notifika fil-gazzetta lokali Times of Malta fid-19 ta’ Settembru 2023 kif ukoll in-Nazzjon fl-istess data (fol 14/15).

7. Rat illi fit-28 ta’ Settembru 2023, meta ssejħet il-kawza, l-intimat, imsejjaħ diversi drabi, ma deherx, u għalhekk l-intimat kien dikjarat bħala kontumaċi.

8. Semgħet lir-rikorrent **Joseph Bellotti**, bil-ġurament tiegħu, jiddikjara illi l-intimat ma raddlux lura is-somma ta’ €16,700 minnu mislufa, u li għalhekk l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba tar-rikorrent.

9. Rat illi l-konsulent legali tar-rikorrenti għarraf lill-Qorti illi ma kellhom ebda provi ulterjuri x’jippreżentaw u talab sabiex, a tenur tal-Artikolu 167 (1) tal-Kap 12, tgħaddi għad-deċiżjoni tal-każ bid-dispensa tas-smigħ.

10. Rat illi għalhekk il-Qorti iddifferiet il-każ odjern għas-sentenza għal-lum.

11. Rat illi sa llum ma daħlet ebda sottomissjoni da’ parte ta’ l-intimat.

12. Rat illi għalhekk illum il-Qorti tista’ tgħaddi għas-sentenza finali.

13. Rat illi ma tara ebda raġuni ‘l għaliex it-talba rikorrenti ma għandhiex tiġi milqugħa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda ta’ Joseph Bellotti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi l-intimat Harvin Vassallo għandu jħallas lir-rikorrent Joseph Bellotti s-somma kumplessiva ta' sittax il-elf u sebgħa mitt ewro (Euro 16,700) flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2022 sal-pagament effettiv.

**Tikkundanna** lill-intimat Harvin Vassallo jħallas lir-rikorrent Joseph Bellotti l-ammont ta' sittax il-elf u sebgħa mitt ewro (Euro 16,700) flimkien mal-imgħaxijict legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2022 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kontra l-Intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**